



BANK ĊENTRALI EWROPEW

3 ta' Awissu 2004

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

RAPPORT FINANZJARJU KONSOLIDAT TA' KULL ĠIMGĦA TA' L-EWROSISTEMA tat-30 ta' Lulju 2004

I. Partiti mhux relatati ma' operazzjonijiet tal-politika monetarja

Fil-ġimgħa li ntemmet fit-30 ta' Lulju 2004, il-pożizzjoni netta ta' l-Ewrosistema fi flus barranin (partiti 2 u 3 ta' l-attiv nieqes il-partiti 7, 8 u 9 tal-passiv) naqset b'EUR 0.2 biljun għal EUR 173.9 biljun dovuta għal transazzjonijiet tal-klijenti u tal-portafoll.

It-titoli li jistgħu jiġu nnegożjati miżmumin mill-Ewrosistema maħruġin minn residenti taż-żona ta' l-ewro u denominati f'ewro (partita 7 ta' l-attiv) naqsu b'EUR 5.4 biljun għal EUR 67.5 biljun, b'mod prinċipali dovut għal klassifikazzjoni mill-ġdid tat-titoli taħt assi oħra (partita 9 ta' l-attiv) minn wieħed mill-banek ċentrali nazzjonali. **Il-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni** (partita 1 tal-passiv) żdiedu b'EUR 4.5 biljun għal EUR 463.1 biljun. **L-obbligazzjonijiet lejn il-gvern ġenerali** (partita 5.1 tal-passiv) naqsu b'EUR 1.4 biljun għal EUR 71.2 biljun.

II. Partiti relatati ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Is-self nett ta' l-Ewrosistema lill-istituzzjonijiet ta' kreditu (partita 5 ta' l-attiv nieqes il-partiti 2.2, 2.3, 2.4, 2.5 u 4 tal-passiv) naqas b'EUR 1.5 biljun għal EUR 331.9 biljun. Nhar l-Erbgħa, 28 ta' Lulju 2004, immaturat **operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament** ta' EUR 259.5 biljun u ġiet regolata waħda ġdida ta' EUR 258 biljun.

Nhar il-Ħamis, 29 ta' Lulju 2004, immaturat **operazzjoni ta' rifinanzjament** fuq perijodu ta' żmien itwal u ġiet regolata waħda ġdida ta' EUR 25 biljun.

Ir-rikors kemm għall-**faċilità ta' self marġinali** (partita 5.5 ta' l-attiv) kif ukoll għall-**faċilità tad-depożitu** (partita 2.2 tal-passiv) kien virtwalment xejn, li kien kważi l-istess bħal tal-ġimgħa ta' qabel.

III. Kontijiet kurrenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro

B'riżultat tat-transazzjonijiet kollha, il-pożizzjoni tal-**kont kurrenti** ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Ewrosistema (partita 2.1 tal-passiv) naqset b'EUR 5.6 biljun għal EUR 131.2 biljun.

Bank Ċentrali Ewropew

Taqsimat Stampa u Informazzjoni

Kaiserstrasse 29, D-60311 Frankfurt am Main

Tel.: +49 69 1344 7455, Fax: +49 69 1344 7404

Internet: <http://www.ecb.int>

Ir-riproduzzjoni hi permessa bil-patt illi tiġi rikonoxxuta din l-istqarrija.



BANK ĊENTRALI EWROPEW

Rapport finanzjarju konsolidat ta' kull ġimgħa ta' l-ewrosistema tas- 30 ta' Lulju, 2004

(EUR miljun)

Attiv	Bilanċ fis- 30 ta' Lulju, 2004	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel qabel mħabba t-	Passiv	Bilanċ fis- 30 ta' Lulju, 2004	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba t-
1 Deheb u krediti f'deheb	127,382	0	1 Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni	463,148	4,464
Talbiet dovuti minn persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati			2 Obligazzjonijiet lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro relatati ma l- operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'ewro		
2 f'munita barranija			2.1 Kontijiet kurrenti		
2.1 Ammonti riċevibbli mill-FMI	28,014	-83	(li jkopru s-sistema ta' riservi minimi	131,208	-5,589
2.2 Bilanċi mal-banek u titoli ta' nvestiment			2.2 Faċilità ta' depożitu	34	11
Self barrani fiss u assi oħra barranin	144,119	-2,562	2.3 Depożiti fissi	0	0
Self barrani u assi oħra esterni	172,133	-2,645	2.4 Operazzjonijiet temporanji ta' fine-tuning	0	0
3 Talbiet dovuti minn residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'munita barranija	17,316	328	2.5 Depożiti relatati ma' sejħiet għal-ħlas jew għid marġinali	34	31
4 Talbiet dovuti minn persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro			131,276	-5,547	
4.1 Bilanċi mal-banek, titoli ta' investiment u self fiss	7,915	205	3 Obligazzjonijiet oħra lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro denominati	125	0
4.2 Talbiet li jirżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II	0	0	4 Ċertifikati ta' dejn maħruġa	1,054	0
	7,915	205			
5 Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro, relatat ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja u li hu denominat f'ewro			5 Obligazzjonijiet lil residenti oħra fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro		
5.1 Operazzjonijiet ewlenin ta' ri-finanzjament	258,001	-1,499	5.1 L-amministrazzjoni pubblika	71,175	-1,360
5.2 Operazzjonijiet ta' ri-finanzjament għal żmien itwal	75,000	-1	5.2 Obligazzjonijiet oħra	5,934	313
5.3 Operazzjonijiet temporanji ta' fine-tuning	0	0		77,109	-1,047
5.4 Reverse operations ta' tip strutturali	0	0			
5.5 Faċilità ta' self marġinali	1	1	6 Obligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	8,790	205
5.6 Krediti relatati ma' sejħiet għal-ħlas jew għid marġinali	1	0	7 Obligazzjonijiet lil residenti fiż-żona ta' l-ewro denominat f'munita barranija	242	18
	333,003	-1,499			
6 Drittijiet oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	894	16	8 Obligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominat f'munita		
7 Titoli ta' sigurtà ta' residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	67,487	-5,364	8.1 Depożiti, bilanċi u obligazzjonijiet oħra	9,368	-2,112
8 Dejn ġenerali ta' l-amministrazzjoni pubblika denominat f'ewro	42,080	0	8.2 Obligazzjonijiet ġejjin mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II	0	0
9 Assi oħra	115,539	5,077		9,368	-2,112
			9 Il-kontroparti ta' drittijiet ta' għid speċjali allokati mill-FMI	5,896	0
			10 Passiv ieħor	56,768	137
			11 Kont tar-rivalutazzjoni	70,205	0
			12 Kapitali u riżervi	59,768	0
Assi Totali	883,749	-3,882	Total tal-passiv	883,749	-3,882

Hu possibbli illi t-totali ma jikkorrispondux mas-somma tal-komponenti varji mħabba li s-somma ġiet miżjuda jew imnaqqsqa sa l-eqreb numru sħiħ